**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar id-9 ta' Lulju 2024

**Il-Pulizija**

**(Spettur George Frendo)**

**vs.**

**Stephen Sammut**

detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 419285M

Il-Qorti,

**Preliminari**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Stephen Sammut**, ta' 36 sena, iben Carmelo u Gemma neé Pisani, imwieled il-Pietà nhar id-19 ta' Awwissu 1985, residenti 104, Triq Brighella, Santa Venera u/jew 65, Caudia, Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 419285M;
akkużat talli nhar l-1 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' 11:25hrs ġewwa Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar:

1. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, liema ħsara tammonta għal inqas minn €2500 iżda

iktar minn €250 u cioe li tammonta għal €300 għad-dannu ta' Ritienne Chircop Cuschieri;

Rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 520 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali li daħlu fis-seħħ nhar it-18 ta' Marzu 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat illi permezz ta' verbal tal-20 ta' Mejju 2024, il-prosekuzzjoni u d-difiża qablu illi huma qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti kif presjeduta milli tisma' x-xiehda li diġa instemgħet minn din il-Qorti kif diversament presjeduta;

**Provi Prodotti**

Rat id-dokumenti kollha esebiti u cioe ir-rapport tal-Pulizija relattiv[1], l-affidavit ta' PS1161 Aldo Zammit[2], l-affidavit ta' RPC3047 Ivan Mifsud[3]. *Inter alia* RPC 3047 ikkonferma l-verżjoni li kien tahom l-imputat u cioe li waqt li hu kien miexi, għaddiet karozza, ħaslitu u nfixel. Dak il-ħin inħaraq u tefa' ġebla lill-istess vettura. Ix-xhud ikkonferma li l-vettura ta' Chircop Cuschieri ġiet spezzjonata dak il-ħin u huwa ra żewġ għafsiet fuq il-vettura u wkoll marki tat-trab.

Semgħet ix-xiehda ta' Ritienne Chircop Cuschieri[4], li minnha rriżulta li fil-bidu ta' Marzu 2022, hija kienet għaddejja bil-karozza fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, meta semgħet ħoss kbir. Ħasbet li daħal xi ħadd fuqha iżda meta ttawlet quddiemha u warajha ma kien hemm ħadd. X'ħin ħarġet mill-karozza rat raġel[5] li beda joffendiha u qalilha li kienet xarrbitu u waddbilha ġebla lejn il-karozza. Hi tinnega li kienet xarrbitu.

Il-karozza tagħha bin-numru tar-reġistrazzjoni HBH808 sofriet ħsarat fuq il-bieba tal-passiġġier ammontanti għal €400[6] skont stima li kienet ġja esebita in atti.

[1] Datat l-1 ta' Marzu 2022, bir-referenza 11/POL/1192/2022, fol. 12 tal-proċess;
[2] Fol. 3 tal-proċess;
[3] Fol. 8 tal-proċess;
[4] Minnha mogħtija nhar l-24 ta' Jannar 2023, fol. 19 tal-proċess;
[5] Identifikat minnha fl-awla bħala l-imputat;
[6] Effettivament l-istima li tinsab esebita fol. 17 tammonta għal €300, eskluż il-VAT;

In kontro-eżami x-xhud ikkonfermat illi hija ma ratx lill-imputat iwaddab il-ġebla lejn il-vettura tagħha. Iżda kkonfermat illi l-imputat kien ikkonferma fil-preżenza tagħha u tal-Pulizija li kien hu li waddab il-ġebla;

Semgħet ix-xiehda ta' PS1161 Aldo Zammit[7] in kontro-eżami, li minnha rriżulta li meta ħadu r-rapport tal-inċident, il-kwerelanta kienet ipproduċiet biss l-istima li tinsab in atti. Hi ma pproduċietx irċevuta għaliex kienet għadha ma sewwietx il-vettura. Ix-xhud ikkonferma li filwaqt li l-imputat kien ammetta li huwa waddab il-ġebla lejn il-vettura, huwa ma kienx dispost iħallas is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) għat-tiswija tagħha, għax kull ma kellha għafsa żgħira.

Semgħet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-akkuża kif dedotta fil-konfront tal-imputat tirriżulta u dana fuq ammissjoni tiegħu stess. Rigward l-ammont tad-danni kkawżati, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni għamlet dak kollu li setgħet sabiex l-istima esebita a fol. 17 tiġi kkonfermata minn min ħariġha. Minkejja l-isforzi tagħha, ix-xhud baqa' ma deherx. Il-Prosekuzzjoni hija obbligata illi tressaq l-aħjar prova, illi fil-każ odjern din l-aqwa prova ma setgħetx tmur oltre l-prova dokumentarja. Il-Prosekuzzjoni debitament innotifikat lir-rappreżentant ta' Pyramid Garage darbtejn, u l-Qorti fiż-żewġ okkażjonijiet sabet lill-istess rappreżentant ħati ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha u mponiet ukoll multa. Minkejja dawn l-isforzi, ix-xhud ma nġiebx lanqas bil-ħila ta' mandat ta' skorta.

Il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament tal-Professur Mamo li jgħid: *"The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given and in a manner which will best ensure the object in view.... The rule as to the production of the best evidence is rigid, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof.. In the unavoidable absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on*

[7] Minnu mogħtija nhar l-24 ta' Jannar 2023, fol. 23 tal-proċess;

*the face of it that other and better evidence exists. It follows that it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence...';*

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs. Oswald Scicluna deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu 2023 ngħad is-segwenti: *"Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti: "Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda,li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata. Hu mistenni mill-partijiet li jkunu jridu jippruvaw il-każ tagħhom li jresqu l-aħjar prova disponibbli għalihom. Bħala regola, jekk jiġi b'xi mod muri li dik l-evidenza li tkun tresqet ma tkunx l-aħjar evidenza li l-parti li tipproduċiha kienet f'qagħda li tressaq, il-Qorti tkun trid tiskarta dik l-evidenza u ma tistrieħx fuqha. Din ir-regola hija intiża li tassikura li l-evidenza li titressaq tkun awtentika, veritjiera u b'saħħitha u mhux qarrieqa, kontraffatta jew dgħajfa. Għalhekk il-parti li trid tipprova fatt jew allegazzjoni trid tressaq evidenza li tkun l-aħjar evidenza li tista' tinġieb quddiem il-Qorti minn dik il-parti, u li jkun possibbli għal dik il-parti li tressaqha. Jekk dik l-evidenza tkun teżisti u disponibbli allura dik il-parti hija obbligata li tressaq dik l-evidenza u ebda evidenza oħra. Dik il-parti tkun tista' biss tressaq quddiem il-Qorti evidenza oħra, li ma tkunx l-aħjar evidenza biss meta l-aħjar evidenza ma tkunx tista' tinġieb minn dik il-parti. Fi ftit kliem din ir-regola teskludi evidenza ta' kwalita inferjuri meta evidenza ta' kwalita superjuri tkun disponibbli; u tippermetti evidenza ta' kwalita inferjuri biss meta l-evidenza ta' kwalita superjuri ma tkunx disponibbli."*

Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ odjern, prova aqwa mill-istima esebita in atti m'hijiex disponibbli. Illi għalhekk, tenut kont tat-tagħlim tal-Professur Mamo, u wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ladarba l-evidenza superjuri m'hijiex disponibbli, l-evidenza ta' kwalità inferjuri hija ammissibbli. Minkejja li din it-tip ta' prova (stima mhux ġuramentata) tista' titqies bħala waħda sekondarja, il-Qorti għandha l-konvinċiment morali li l-kwantifikazzjoni tad-danni fl-imsemmija stima huwa wieħed ġustifikat. Dan għaliex il-prezz tat-tiswija tal-għafsa fuq il-bieba tal-karozza, huwa dak biss ta' ħamsin Ewro (€50), filwaqt illi l-prezz għall-ispray huwa dak ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250). Il-Qorti, fl-esperjenza tagħha f'din il-materja, tqis illi dan huwa prezz normali, tenut kont li meta jeħtieġ isir l-ispray, sabiex ix-xogħol isir skont

l-arti u s-sengħa,  dana jsir fuq il-bieba kollha u mhux biss fuq ir-roqgħa fejn kien hemm l-għafsa. Kwindi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li d-danni kkawżati mill-imputat meta tefa' ġebla fuq il-vettura tal-parti leża kienu jammontaw għal tliet mitt Ewro (€300).

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **ħati** tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement qiegħda tikkundannah tmien xhur priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn mil-lum.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(A) u 28H(2) tal-Kodici Kriminali tordna lill-ħati jħallas fi żmien sitt xhur mil-lum is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) lil Ritienne Chircop Cuschieri. Dan l-ordni jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Finalment, il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem sempliċi, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk l-imputat fi żmien sentejn jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija, jew ma  jħallasx is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) lil Ritienne Chircop Cuschieri fi żmien sitt xhur mil-lum.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur